



2016/2057(INI)

7.9.2016

EMENDI

1 - 85

Abbozz ta' opinjoni
Joëlle Mélin
(PE582.446v01-00)

L-għażliet tal-UE biex ittejjeb l-aċċess għall-mediċini
(2016/2057(INI))

Emenda 1
Heinz K. Becker

Abbozz ta' opinjoni
Premessa A

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

A. billi l-aċċess għall-mediċini għal kulħadd jikkostitwixxi sfida li tinvolvi diversi fatturi;

imħassar

Or. de

Emenda 2
Lynn Boylan

Abbozz ta' opinjoni
Premessa A

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

A. billi l-aċċess għall-mediċini għal kulħadd jikkostitwixxi sfida li tinvolvi diversi fatturi;

imħassar

Or. en

Emenda 3
Marian Harkin

Abbozz ta' opinjoni
Premessa A

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

A. billi l-aċċess għall-mediċini għal kulħadd jikkostitwixxi *sfida li tinvolvi diversi fatturi;*

A. billi l-aċċess għall-mediċini għal kulħadd jikkostitwixxi *ħafna sfidi iżda xorta waħda għandu jkun l-għan komuni tagħna;*

Or. en

Emenda 4
Notis Marias

Abbozz ta' opinjoni
Premessa A

Abbozz ta' opinjoni

A. billi l-aċċess għall-mediċini għal kulħadd **jikkostitwixxi sfida li tinvolvi diversi fatturi;**

Emenda

A. billi l-aċċess għall-mediċini għal kulħadd **hu dritt inderogabbli;**

Or. el

Emenda 5
Enrico Gasbarra

Abbozz ta' opinjoni
Premessa A

Abbozz ta' opinjoni

A. billi l-aċċess għall-mediċini għal kulħadd jikkostitwixxi sfida li tinvolvi diversi fatturi;

Emenda

A. billi l-aċċess għall-mediċini għal kulħadd jikkostitwixxi sfida **urġenti** li tinvolvi diversi fatturi **u li għandu jkollha l-prijorità;**

Or. it

Emenda 6
Eleftherios Synadinos

Abbozz ta' opinjoni
Premessa A

Abbozz ta' opinjoni

A. billi l-aċċess għall-mediċini għal kulħadd jikkostitwixxi sfida li tinvolvi diversi fatturi;

Emenda

A. billi l-aċċess għall-mediċini għal kulħadd jikkostitwixxi sfida li tinvolvi diversi fatturi; **billi l-Artikolu 34 (is-sigurtà soċjali u l-assistenza soċjali) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jipprojbixxi kategorikament l-esklużjoni mill-aċċess għall-mediċini;**

Emenda 7
Lynn Boylan

Abbozz ta' opinjoni
Premessa Aa (ġdida)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

Aa. Jitlob aċċess universali għal kura tas-saħħa ta' kwalità fl-Istati Membri; jemmen li dan huwa dritt fundamentali taċ-ċittadini Ewropej; barra minn hekk jemmen li dan huwa l-uniku mod biex tiġi żgurata l-ugwaljanza fil-kura tas-saħħa għaċ-ċittadini fl-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea.

Or. en

Emenda 8
Marian Harkin

Abbozz ta' opinjoni
Premessa B

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

B. billi l-persuni fl-aġar sitwazzjonijiet ta' prekarjat, u li jbatu minn diżabilitajiet differenti, huma daww li l-aktar jeħtieġu mediċini;

imħassar

Or. en

Emenda 9
Lynn Boylan

Abbozz ta' opinjoni
Premessa B

Abbozz ta' opinjoni

B. billi l-persuni *fl-agħar sitwazzjonijiet ta' prekarjat, u li jbatu minn diżabilitajiet differenti, huma dawk li l-aktar jeħtieġu* mediċini;

Emenda

B. billi l-persuni *li jgħixu b'diżabbiltà, kif ukoll dawk b'mard fit-tul li mhuwiex ta' theddida għall-ħajja iżda li jxekkel u jfixkel il-kwalità tal-ħajja u jagħmel l-għajxien ta' kuljum aktar diffiċli milli għal persuna b'saħħitha sħiħa, li huma l-aktar vulnerabbli u li l-aktar jeħtieġu* mediċini;

Or. en

Emenda 10
Helga Stevens

Abbozz ta' opinjoni
Premessa B

Abbozz ta' opinjoni

B. billi l-persuni *fl-agħar sitwazzjonijiet ta' prekarjat, u li jbatu minn diżabilitajiet differenti, huma dawk li l-aktar jeħtieġu* mediċini;

Emenda

B. billi l-persuni li jbatu minn diżabilitajiet *li għalihom għad m'hemm l-ebda trattament/mediċina jew il-persuni b'diżabilitajiet rari huma f'pożizzjoni partikolarment prekarja;*

Or. nl

Emenda 11
Notis Marias

Abbozz ta' opinjoni
Premessa B

Abbozz ta' opinjoni

B. billi l-persuni *fl-agħar sitwazzjonijiet ta' prekarjat, u li jbatu minn diżabilitajiet differenti, huma dawk li l-aktar jeħtieġu* mediċini;

Emenda

B. billi l-persuni *fl-agħar sitwazzjonijiet ta' prekarjat, u li jbatu minn diżabilitajiet differenti għandhom bżonn kbir ta'* mediċini;

Or. el

Emenda 12
Sofia Ribeiro

Abbozz ta' opinjoni
Premessa B

Abbozz ta' opinjoni

B. billi *l-persuni fl-agħar sitwazzjonijiet ta' prekarjat, u li jbatu minn diżabilitajiet differenti*, huma dawk li l-aktar *jeħtieġu mediċini*;

Emenda

B. billi huma dawk li *huma* l-aktar *vulnerabbli li għandhom l-akbar diffikultà fl-aċċess għall-mediċini*;

Or. pt

Emenda 13
Heinz K. Becker

Abbozz ta' opinjoni
Premessa C

Abbozz ta' opinjoni

C. billi *l-għażliet tal-Unjoni Ewropea jipprevedu titjib fl-oqsma differenti li għandhom impatt fuq il-mediċini, mit-fassil sad-distribuzzjoni tagħhom*;

Emenda

imħassar

Or. de

Emenda 14
Notis Marias

Abbozz ta' opinjoni
Premessa C

Abbozz ta' opinjoni

C. billi *l-għażliet tal-Unjoni Ewropea jipprevedu titjib fl-oqsma differenti li għandhom impatt fuq il-mediċini, mit-fassil sad-distribuzzjoni tagħhom*;

Emenda

imħassar

Emenda 15
Marian Harkin

Abbozz ta' opinjoni
Premessa C

Abbozz ta' opinjoni

C. billi l-għażliet tal-Unjoni Ewropea jipprevedu titjib fl-oqsma differenti li għandhom impatt fuq il-mediċini, mit-fassil sad-distribuzzjoni tagħhom;

Emenda

C. billi l-għażliet tal-Unjoni Ewropea jipprevedu titjib fl-oqsma differenti li għandhom impatt fuq il-mediċini, mit-fassil sad-distribuzzjoni tagħhom, ***kif ukoll teħtieġ li tiżgura d-dritt tal-pazjenti għall-informazzjoni rilevanti kollha;***

Or. en

Emenda 16
Lynn Boylan

Abbozz ta' opinjoni
Premessa C

Abbozz ta' opinjoni

C. billi l-għażliet tal-Unjoni Ewropea jipprevedu titjib fl-oqsma differenti li għandhom impatt fuq il-mediċini, mit-fassil sad-distribuzzjoni tagħhom;

Emenda

C. billi l-għażliet tal-Unjoni Ewropea jipprevedu titjib fl-oqsma differenti li għandhom impatt fuq il-mediċini, mit-fassil sad-distribuzzjoni tagħhom; ***jistieden lill-Istati Membri jappoġġjaw ir-riċerka u żvilupp (R&Ż) li jiffukaw fuq il-ħtiġijiet mediċi taċ-ċittadini kollha, billi jiżguraw li l-istruttura għall-finanzjament tar-riċerka, l-iżvilupp u l-kummerċjalizzazzjoni ta' mediċini ġodda tiġi diretta mill-ġdid lejn il-ġid pubbliku u sabiex jiggarrantixxu aċċess bi prezz raġonevoli u mhux diskriminatorju għall-avvanzi fil-mediċina, u jeżaminaw alternattivi bħax-xiri bl-ingrossa, il-kondiviżjoni tar-riskji, u l-finanzjament tar-R&Ż mill-Istat; jistieden ukoll lill-Istati Membri jiffukaw b'mod partikolari***

*fuq ir-R&Ż sabiex jindirizzaw ir-
reżistenza għall-antimikrobiċi;*

Or. en

Emenda 17
Helga Stevens

Abbozz ta' opinjoni
Premessa Ca (ġdida)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

*Ca. billi l-Istati Membri kollha
għandhom strutturi bażiċi differenti għas-
sistemi tas-sigurtà soċjali tagħhom u
sabiex jiffinanzjawhom, u billi din l-
opinjoni m'għandha l-ebda influwenza
fuqhom;*

Or. nl

Emenda 18
Helga Stevens

Abbozz ta' opinjoni
Premessa Cb (ġdida)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

*Cb. billi l-aċċess għall-mediċini, taħt
ċerti kundizzjonijiet, jista' jitqies bħala ta'
interess ekonomiku ġenerali skont it-
tifsira tal-Artikolu 106(2) TFUE; billi r-
regoli tat-Trattat, partikolarment ir-regoli
tal-kompetizzjoni, jistgħu għalhekk ma
jigūx applikati sa fejn ikun neċessarju
sabiex jinkiseb l-għan maħsub;*

Or. nl

Emenda 19
Yana Toom, Ilhan Kyuchyuk

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 1

Abbozz ta' opinjoni

1. *Ifakkar fl-importanza li jiġi rispettati il-prinċipju tas-sussidjarjetà u li kull Stat Membru, skont l-ispeċifitàjiet tiegħu, jieħu ħsieb isib rimedju għan-nuqqasijiet li jista' jkollu;*

Emenda

1. *Jenfasizza l-importanza li kull Stat Membru jiżgura l-aċċessibilità tal-ispiżeriji, inkluża d-densità tagħhom kemm fiż-żoni urbani kif ukoll rurali, l-għadd tal-persunal professjonali, ħinijiet ta' ftuħ xierqa, u servizz ta' pariri u ta' konsulenza ta' kwalità;*

Or. en

Emenda 20
Helga Stevens

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 1

Abbozz ta' opinjoni

1. *Ifakkar fl-importanza li jiġi rispettati il-prinċipju tas-sussidjarjetà u li kull Stat Membru, skont l-ispeċifitàjiet tiegħu, jieħu ħsieb isib rimedju għan-nuqqasijiet li jista' jkollu;*

Emenda

1. *Ifakkar fl-importanza li jiġi rispettati il-prinċipju tas-sussidjarjetà; huwa tal-fehma, madankollu, li aċċess aħjar għall-mediċini jista' jinkiseb permezz ta' kooperazzjoni aħjar bejn l-Istati Membri;*

Or. nl

Emenda 21
Enrico Gasbarra

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 1

Abbozz ta' opinjoni

1. *Ifakkar fl-importanza li jiġi rispettati il-prinċipju tas-sussidjarjetà u li kull Stat Membru, skont l-ispeċifitàjiet tiegħu, jieħu ħsieb isib rimedju għan-nuqqasijiet li jista' jkollu;*

Emenda

1. *Jenfasizza kemm huwa importanti li, b'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, kull Stat Membru għandu jsib rimedju għan-nuqqasijiet li jista' jkollu skont il-ħtiġijiet partikolari tiegħu, billi*

jtejjeb l-immirar u l-użu tal-istrumenti kollha għad-dispożizzjoni tiegħu, u jipprova - fuq kollox fir-rigward tal-mediċini użati għat-trattament ta' mard rari - inaqqas id-differenzi sostanzjali attwali fil-prezzijiet;

Or. it

Emenda 22 **Notis Marias**

Abbozz ta' opinjoni **Paragrafu 1**

Abbozz ta' opinjoni

1. Ifakkar fl-importanza li jiġi rispettata il-prinċipju tas-sussidjarjetà u li kull Stat Membru, skont l-ispeċifikitajiet tiegħu, jieħu ħsieb isib rimedju għan-nuqqasijiet li jista' jkollu;

Emenda

1. Ifakkar fl-importanza li jiġi rispettata il-prinċipju tas-sussidjarjetà ***u tal-proporzjonalità*** u li kull Stat Membru, skont l-ispeċifikitajiet tiegħu, jieħu ħsieb isib rimedju għan-nuqqasijiet li jista' jkollu; ***jirrimarka li l-aġġustamenti finanzjarji imposti b'mod arbitrarju mit-Trojka fil-pajjiżi tal-Memorandum, speċjalment il-Greċja, qed jagħmluha impossibbli li dawn in-nuqqasijiet jiġu indirizzati peress li, minħabba t-tnaqqis fl-infiq fuq is-saħħa, bħalissa hemm skarsezza ta' mediċini;***

Or. el

Emenda 23 **Eleftherios Synadinos**

Abbozz ta' opinjoni **Paragrafu 1**

Abbozz ta' opinjoni

1. Ifakkar fl-importanza li jiġi rispettata il-prinċipju tas-sussidjarjetà u li kull Stat Membru, skont l-ispeċifikitajiet tiegħu, jieħu ħsieb isib rimedju għan-nuqqasijiet li

Emenda

1. Ifakkar fl-importanza li jiġi rispettata il-prinċipju tas-sussidjarjetà u li kull Stat Membru, skont l-ispeċifikitajiet tiegħu, jieħu ħsieb isib rimedju għan-nuqqasijiet li

jista' jkollu;

jista' jkollu, *fir-rispett strett tat-termini tal-Artikolu 35 (kura tas-saħħa) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, irrISPETTIVAMENT mill-indikaturi finanzjarji;*

Or. el

Emenda 24
Heinz K. Becker

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 1

Abbozz ta' opinjoni

1. *Ifakkar fl-importanza li jiġi rispettata il-prinċipju tas-sussidjarjetà u li kull Stat Membru, skont l-ispeċifikitajiet tiegħu, jieħu ħsieb isib rimedju għan-nuqqasijiet li jista' jkollu;*

Emenda

1. *Jenfasizza li kull Stat Membru għandu jieħu ħsieb isib rimedju għan-nuqqasijiet li jista' jkollu skont il-ħtiġijiet partikolari tiegħu;*

Or. de

Emenda 25
Sofia Ribeiro

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 1

Abbozz ta' opinjoni

1. Ifakkar fl-importanza li jiġi rispettata il-prinċipju tas-sussidjarjetà u li kull Stat Membru, skont l-ispeċifikitajiet tiegħu, jieħu ħsieb isib rimedju għan-nuqqasijiet li jista' jkollu;

Emenda

1. Ifakkar fl-importanza li jiġi rispettata il-prinċipju tas-sussidjarjetà u li kull Stat Membru, skont l-ispeċifikitajiet tiegħu, *irid jimmaniġġja r-riżorsi proprji tiegħu u* jieħu ħsieb isib rimedju għan-nuqqasijiet li jista' jkollu;

Or. pt

Emenda 26
Laura Agea, Tiziana Beghin, Daniela Aiuto, Piernicola Pedicini

**Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 1a (ġdid)**

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

1a. Iqis l-aċċess universali għall-mediċini essenzjali, aktar u aktar minħabba li b'riżultat tal-kriżi ekonomika fl-Ewropa dan l-aċċess sar saħansitra aktar problematiku, b'mod partikolari għall-gruppi l-aktar vulnerabbli fis-soċjetà; iħeġġeġ, għaldaqstant, li jiġi ggarantit l-aċċess għall-mediċini għal dawn il-gruppi;

Or. it

**Emenda 27
Arne Gericke**

**Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 1a (ġdid)**

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

1a. Jistenna li l-Istati Membri jistabbilixxu arranġamenti li jagħmlu użu mis-suq intern tal-UE fir-rigward tal-mediċini, ukoll, u li jiffaċilitaw l-aċċess tal-pazjenti madwar l-Ewropa għal mediċini ekwivalenti u, fil-każijiet kollha, l-aktar mediċini kosteffikaċi;

Or. de

**Emenda 28
Helga Stevens**

**Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 1a (ġdid)**

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

1a. Jitlob għal inċentivi tal-UE li

*jagħtu spinta lill-gvernijiet biex
jinnegozjaw b'mod konġunt mal-
kumpaniji farmaċewtiċi - minflok li kull
wieħed ifendi għal rasu - sabiex jinkisbu
prezzijiet aħjar;*

Or. nl

Emenda 29
Lynn Boylan

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 2

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

**2. Jirrakkomanda li t-titjib fl-
industrija farmaċewtika, iġġenerat minn
SMEs Ewropej li ttrasformaw il-kura
distribwita fl-Ewropa u tawlu l-istennija
tal-għomor, jingħata appoġġ;**

imħassar

Or. en

Emenda 30
Romana Tomc

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 2

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

**2. Jirrakkomanda li t-titjib fl-
industrija farmaċewtika, iġġenerat minn
SMEs Ewropej li ttrasformaw il-kura
distribwita fl-Ewropa u tawlu l-istennija
tal-għomor, jingħata appoġġ;**

**2. Jenfasizza l-importanza tal-SMEs
fit-trasformazzjoni tal-istandards tal-kura
tas-saħħa fl-Ewropa u jappella għal aktar
appoġġ għall-iżvilupp tagħhom;**

Or. sl

Emenda 31
Heinz K. Becker

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 2

Abbozz ta' opinjoni

2. **Jirakkomanda li t-titjib fl-industrija farmaċewtika, iġġenerat minn SMEs Ewropej li ttrasformaw il-kura distribwita fl-Ewropa u tawlu l-istennija tal-għomor, jingħata appoġġ;**

Emenda

2. **Jitlob li jingħata sostenn lil proġetti ta' riċerka u l-SMEs Ewropej biex titjeb il-provvista tal-mediċini essenzjali fl-Ewropa;**

Or. de

Emenda 32
Enrico Gasbarra

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 2

Abbozz ta' opinjoni

2. Jirakkomanda li t-titjib fl-industrija farmaċewtika, iġġenerat minn SMEs Ewropej li ttrasformaw il-kura distribwita fl-Ewropa u tawlu l-istennija tal-għomor, **jingħata** appoġġ;

Emenda

2. Jirakkomanda li **r-riċerka mwettqa** u t-titjib fl-industrija farmaċewtika, iġġenerat minn SMEs Ewropej li ttrasformaw il-kura distribwita fl-Ewropa u tawlu l-istennija tal-għomor, **jingħataw** appoġġ;

Or. it

Emenda 33
Sofia Ribeiro

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 2

Abbozz ta' opinjoni

2. Jirakkomanda li t-titjib fl-industrija farmaċewtika, iġġenerat minn SMEs Ewropej li ttrasformaw il-kura distribwita fl-Ewropa u tawlu l-istennija tal-għomor, jingħata appoġġ;

Emenda

2. Jirakkomanda li t-titjib fl-industrija farmaċewtika, **speċjalment il-progress** iġġenerat minn SMEs Ewropej li ttrasformaw il-kura distribwita fl-Ewropa u tawlu l-istennija tal-għomor, jingħata appoġġ;

Emenda 34
Helga Stevens

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 2

Abbozz ta' opinjoni

2. Jirakkomanda li t-titjib fl-industrija farmaċewtika, iġġenerat minn SMEs Ewropej li ttrasformaw il-kura distribwita fl-Ewropa u tawlu l-istennija tal-għomor, jingħata appoġġ;

Emenda

2. Jirakkomanda li t-titjib fl-industrija farmaċewtika, iġġenerat **ukoll** minn SMEs Ewropej li ttrasformaw il-kura distribwita fl-Ewropa u tawlu l-istennija tal-għomor, jingħata appoġġ;

Emenda 35
Notis Marias

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 2

Abbozz ta' opinjoni

2. Jirakkomanda li t-titjib fl-industrija farmaċewtika, iġġenerat minn SMEs Ewropej li ttrasformaw il-kura distribwita fl-Ewropa u tawlu l-istennija tal-għomor, jingħata appoġġ;

Emenda

2. Jirakkomanda li t-titjib fl-industrija farmaċewtika, iġġenerat minn SMEs Ewropej li ttrasformaw il-kura distribwita fl-Ewropa u tawlu l-istennija tal-għomor, jingħata appoġġ **billi jżdid il-finanzjament mill-UE għas-servizzi tal-kura tas-saħħa fl-Istati Membri**;

Emenda 36
Lynn Boylan

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

2a. *Jiddeplora l-fatt li hemm 18 miljun-il persuna madwar l-UE mingħajr aċċess għall-kura tas-saħħa; iqis inaċċettabbli li fl-UE jmutu 25 000 ruħ fis-sena minħabba nuqqas ta' antibijotiċi effikaċi; iqis allarmanti wkoll li, f'perjodu ta' prosperità b'ħafna avvanzi fil-qasam tal-kura tas-saħħa, fil-mediċina u t-teknoloġija, jidher li f'tit hemm progress fil-ħolqien ta' soluzzjonijiet sostenibbli għal dawk mingħajr kura tas-saħħa jew mediċini;*

Or. en

Emenda 37

Yana Toom, Ilhan Kyuchyuk

**Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 2a (ġdid)**

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

2a. *Jenfasizza li, għall-protezzjoni tas-saħħa u tal-ħajja u fl-interessi tal-protezzjoni tal-konsumatur, il-bejgiegħa bl-imnut jistgħu jagħtu noti ta' informazzjoni mal-mediċini f'lingwi użati fil-wisa' ta' Stat Membru partikolari minbarra fil-lingwa jew lingwi uffiċjali;*

Or. en

Emenda 38

Arne Gericke

**Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 2a (ġdid)**

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

2a. *Jenfasizza l-ħtieġa għal aċċess*

*għal mediċini adattati għat-tfal u ż-
żghażaġh u għar-riċerka u l-iżvilupp f'dan
ir-rigward;*

Or. de

Emenda 39
Romana Tomc

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

*2a. Jisħaq li kulħadd għandu jkollu
aċċess għall-mediċini, tkun xi tkun il-
pożizzjoni tagħhom fis-soċjetà;*

Or. sl

Emenda 40
Sofia Ribeiro

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 3

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

*3. Jirrakkomanda li kull Stat,
possibbilment permezz ta' fondi Ewropej,
jiddetermina l-politika pubblika tiegħu
f'dak li għandu x'jaqsam mal-
innovazzjoni fit-teknoloġiji avvanzati;*

imħassar

Or. pt

Emenda 41
Becker

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 3

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

3. Jirrakkomanda li kull Stat, possibbilment permezz ta' fondi Ewropej, jiddetermina l-politika pubblika tiegħu f'dak li għandu x'jaqsam mal-innovazzjoni fit-teknoloġiji avvanzati;

imħassar

Or. de

**Emenda 42
Romana Tomc**

**Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 3**

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

3. Jirrakkomanda li kull Stat, possibbilment permezz ta' fondi Ewropej, jiddetermina l-politika pubblika tiegħu f'dak li għandu x'jaqsam mal-innovazzjoni fit-teknoloġiji avvanzati;

3. Jenfasizza li kompetizzjoni b'saħħitha għandha tiġi żgurata wkoll fil-qasam tal-aċċess għall-mediċini, sabiex ikunu possibbli prezzijiet orħos u kwalità ogħla ta' servizzi għall-utenti;

Or. sl

**Emenda 43
Helga Stevens**

**Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 3**

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

3. Jirrakkomanda li kull Stat, possibbilment permezz ta' fondi Ewropej, jiddetermina l-politika pubblika tiegħu f'dak li għandu x'jaqsam mal-innovazzjoni fit-teknoloġiji avvanzati;

3. Jirrimarka li l-politika dwar l-innovazzjoni titmexxa fil-livell tal-Istati Membri; madankollu jenfasizza l-importanza tar-rwol ta' appoġġ u ta' koordinazzjoni tal-UE; jemmen bis-sħiħ li l-kooperazzjoni internazzjonali u l-iskambju tal-informazzjoni għandhom jiġu mħeġġa;

Or. nl

Emenda 44
Marian Harkin

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 3

Abbozz ta' opinjoni

3. *Jirrakkomanda li kull Stat, possibbilment permezz ta' fondi Ewropej, jiddetermina l-politika pubblika tiegħu f'dak li għandu x'jaqsam mal-innovazzjoni fit-teknoloġiji avvanzati;*

Emenda

3. *Jemmen li l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, flimkien mal-kondiviżjoni tal-għarfien espert, iwasslu għal sinerġija akbar fil-qasam tal-politika tal-innovazzjoni u jagħraf l-importanza ta' finanzjament tal-UE biex jappoġġjaw inizjattivi bħal dawn;*

Or. en

Emenda 45
Enrico Gasbarra

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 3

Abbozz ta' opinjoni

3. *Jirrakkomanda li kull Stat, possibbilment permezz ta' fondi Ewropej, jiddetermina l-politika pubblika tiegħu f'dak li għandu x'jaqsam mal-innovazzjoni fit-teknoloġiji avvanzati;*

Emenda

3. *Jirrakkomanda li kull Stat **Membru, parzjalment** permezz ta' fondi Ewropej, għandu jkun liberu li jinvesti u jiddetermina l-politika pubblika tiegħu f'dak li għandu x'jaqsam mal-innovazzjoni fit-teknoloġiji avvanzati **għall-prevenzjoni tal-mard u għas-saħħa u l-benesseri pubbliċi;***

Or. it

Emenda 46
Csaba Sógor

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 3

Abbozz ta' opinjoni

3. Jirrakkomanda li kull Stat, **possibbilment permezz ta' fondi Ewropej, jiddetermina l-politika pubblika tiegħu f'dak li għandu x'jaqsam mal-innovazzjoni fit-teknoloġiji avvanzati;**

Emenda

3. Jirrakkomanda li kull Stat **Membru għandu jitħeġġeġ li jwaqqaf politiki ta' innovazzjoni u ta' teknoloġiji avvanzati, inkluż fil-qasam tal-mediċini, u biex jagħmel l-aħjar użu mill-fondi disponibbli tal-UE f'dan il-qasam;**

Or. en

Emenda 47

Notis Marias

Abbozz ta' opinjoni

Paragrafu 3

Abbozz ta' opinjoni

3. Jirrakkomanda li kull Stat, **possibbilment permezz ta' fondi Ewropej, jiddetermina l-politika pubblika tiegħu f'dak li għandu x'jaqsam mal-innovazzjoni fit-teknoloġiji avvanzati;**

Emenda

3. Jirrakkomanda li kull Stat **għandu jiddetermina l-politika pubblika tiegħu f'dak li għandu x'jaqsam mal-innovazzjoni fit-teknoloġiji avvanzati billi jissaħħaħ il-finanzjament tal-UE;**

Or. el

Emenda 48

Yana Toom, Ilhan Kyuchyuk

Abbozz ta' opinjoni

Paragrafu 3

Abbozz ta' opinjoni

3. Jirrakkomanda li kull Stat, **possibbilment permezz ta' fondi Ewropej, jiddetermina l-politika pubblika tiegħu f'dak li għandu x'jaqsam mal-innovazzjoni fit-teknoloġiji avvanzati;**

Emenda

3. Jirrakkomanda li kull Stat, **possibbilment permezz ta' fondi Ewropej, jiżviluppa l-politika pubblika tiegħu f'dak li għandu x'jaqsam mal-innovazzjoni fit-teknoloġiji avvanzati;**

Or. en

Emenda 49
Helga Stevens

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

3a. *Huwa tal-fehma li l-iżvilupp ta' strument internazzjonali għall-valutazzjoni tal-effiċjenza/l-effikaċja tal-mediċini jkunu avvanz kbir; jistieden lill-UE tippromwovi l-importanza ta' evidenza xjentifika li tkun ħielsa minn kull konsiderazzjoni politika;*

Or. nl

Emenda 50
Laura Agea, Tiziana Beghin, Daniela Aiuto, Piernicola Pedicini

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

3a. *Iħeġġeġ sabiex l-aċċess għall-mediċini jkun garantit għall-persuni fil-pajjiżi kollha, u mhux biss f'dawk b'politiki ta' innovazzjoni effettivi; jirrimarka li l-innovazzjoni mhux dejjem isservi biex tiżgura li l-mediċini jkunu disponibbli aktar faċilment, u tabilħaqq jista' jkollha l-effett oppost;*

Or. it

Emenda 51
Marian Harkin

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

3a. Jirrakkomanda li l-programmi ta' riċerka dwar is-saħħa tal-UE għandhom jiżguraw kondiviżjoni akbar tal-għarfien u li r-regoli dwar il-parteciċipazzjoni fil-programmi ta' riċerka tal-UE jistgħu jinkludu l-possibilità ta' kundizzjonijiet obbligatorji għal-liċenzjar li jippreservaw l-għanijiet tal-politika pubblika;

Or. en

Emenda 52
Enrico Gasbarra

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 4

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

4. Jirrakkomanda li l-kondiviżjoni tal-informazzjoni ***u t-taħriġ*** tal-professjonisti tas-saħħa ***jikkostitwixxu*** obbligu indispensabbli;

4. Jirrakkomanda li l-kondiviżjoni tal-informazzjoni, ***it-taħriġ*** tal-professjonisti tas-saħħa ***u l-iskambji tal-aħjar Prattika jkun*** obbligu indispensabbli ***bil-ħsieb li jinkiseb titjib gradwali iżda deċiżiv fl-għoti tal-kura tas-saħħa, u jenfasisza li l-iżvilupp tal-istrumenti li t-teknoloġiji ġodda qed jagħmlu disponibbli fl-oqsma tar-riċerka, il-faċilità tal-aċċess lill-pazjenti, anki fi djarhom stess, u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni, jista' jkollhom rwol ewlieni biex tiġi ffaċilitata l-provvista tal-kura tas-saħħa;***

Or. it

Emenda 53
Helga Stevens

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 4

Abbozz ta' opinjoni

4. **Jirrakkomanda** li l-kondiviżjoni tal-informazzjoni u t-taħriġ **tal-professjonisti** tas-saħħa **jikkostitwixxu** obbligu indispensabbli;

Emenda

4. **Jirrimarka** li l-kondiviżjoni tal-informazzjoni u t-taħriġ **ta' kwalità għolja għall-professjonisti** tas-saħħa **huma** obbligu indispensabbli; **jenfasizza li huwa importanti ħafna wkoll li l-pazjenti jiġu 'mħarrġa' f'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni u sabiex jadottaw tali mġiba;**

Or. nl

Emenda 54
Becker

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 4

Abbozz ta' opinjoni

4. Jirrakkomanda li l-kondiviżjoni tal-informazzjoni u t-taħriġ **tal-professjonisti** tas-saħħa **jikkostitwixxu** obbligu indispensabbli;

Emenda

4. Jirrakkomanda li l-kondiviżjoni tal-informazzjoni **fil-livell Ewropew** u t-taħriġ **ta' kwalità għolja għall-professjonisti** tas-saħħa **jkunu** obbligu indispensabbli;

Or. de

Emenda 55
Sofia Ribeiro

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 4

Abbozz ta' opinjoni

4. Jirrakkomanda li l-kondiviżjoni tal-informazzjoni u t-taħriġ tal-professjonisti tas-saħħa **jikkostitwixxu** obbligu indispensabbli;

Emenda

4. Jirrakkomanda li l-kondiviżjoni tal-informazzjoni u t-taħriġ tal-professjonisti tas-saħħa **u tar-riċerkaturi jkunu** obbligu indispensabbli;

Or. pt

Emenda 56
Eleftherios Synadinos

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 4

Abbozz ta' opinjoni

4. Jirrakkomanda li l-kondiviżjoni tal-informazzjoni u t-taħriġ tal-professjonisti tas-saħħa **jikkostitwixxu** obbligu indispensabbli;

Emenda

4. Jirrakkomanda li l-kondiviżjoni tal-informazzjoni u t-taħriġ tal-professjonisti tas-saħħa **jkunu** obbligu indispensabbli, **b'mod partikolari rigward il-prevenzjoni ta' mard inkurabbli u l-kanċer**;

Or. el

Emenda 57
Lynn Boylan

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 4

Abbozz ta' opinjoni

4. Jirrakkomanda li l-kondiviżjoni tal-informazzjoni u t-taħriġ tal-professjonisti tas-saħħa **jikkostitwixxu** obbligu indispensabbli;

Emenda

4. Jirrakkomanda li l-kondiviżjoni tal-informazzjoni u t-taħriġ tal-professjonisti tas-saħħa **jkunu** obbligu indispensabbli; **jenfasizza l-impatt negattiv li l-politiki ta' awsterità tal-Istati Membri u t-tnaqqis fil-baġits għandhom fuq l-aċċess taċ-ċittadini għall-kura tas-saħħa u l-aċċess għall-mediċini; jikkundanna s-sitwazzjoni li ttrawmet fis-sistemi tal-kura tas-saħħa fejn il-valur tal-ħajja jitqabbel mal-ġid, u fejn dawk li huma f'qagħda finanzjarja aħjar jistgħu jiksbu trattament aħjar u aktar malajr minn dawk b'anqas mezzi;**

Or. en

Emenda 58
Arne Gericke

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

4a. Jenfasizza l-importanza ta' provvista komprensiva ta' mediċini fiż-żoni rurali wkoll, u l-ħtieġa konsegwenti li jiġu sostnuti l-ispiżeriji fuq skala żgħira mmexxija mill-familji jew immaniġġjati mis-sidien;

Or. de

Emenda 59
Enrico Gasbarra

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 5

Abbozz ta' opinjoni

5. Jirrakkomanda li l-aċċess ugwali għal kulħadd f'dak li għandu x'jaqsam mal-mediċini ma jkunx ikkundizzjonat minn kemm jiswew, li għandu jirrifletti bilanċ ġust bejn l-investiment fir-riċerka, l-iżvilupp tal-industrija u s-sostenibbiltà tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali;

Emenda

5. Jinnota li l-prevenzjoni, is-saħħa u l-benesseri huma drittijiet fundamentali u prinċipji ewlenin għal Ewropa soċjali; jirrakkomanda, għalhekk, li m'għandu jkun hemm l-ebda inugwaljanza jew diskriminazzjoni fir-rigward tal-innovazzjoni u l-għoti tal-kura tas-saħħa u li l-aċċess ugwali għal kulħadd f'dak li għandu x'jaqsam mal-mediċini ma jkunx ikkundizzjonat minn kemm jiswew, li għandu jirrifletti bilanċ ġust bejn l-investiment fir-riċerka, l-iżvilupp tal-industrija u s-sostenibbiltà tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali;

Or. it

Emenda 60
Helga Stevens

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 5

Abbozz ta' opinjoni

5. ***Jirrakkomanda li l-aċċess ugwali għal kulħadd f'dak li għandu x'jaqsam mal-mediċini ma jkunx ikkundizzjonat minn kemm jiswew, li għandu jirrifletti*** bilanċ ġust bejn l-investiment fir-riċerka, l-iżvilupp tal-industrija u s-sostenibbiltà tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali;

Emenda

5. ***Jenfasizza li jrid jinstab*** bilanċ ġust bejn l-investiment fir-riċerka, l-iżvilupp tal-industrija u s-sostenibbiltà tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali;

Or. nl

**Emenda 61
Becker**

**Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 5**

Abbozz ta' opinjoni

5. ***Jirrakkomanda li l-aċċess ugwali għal kulħadd f'dak li għandu x'jaqsam mal-mediċini ma jkunx ikkundizzjonat minn kemm jiswew, li għandu jirrifletti*** bilanċ ***ġust*** bejn l-investiment fir-riċerka, l-iżvilupp tal-industrija u s-sostenibbiltà tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali;

Emenda

5. ***Jirrimarka li l-prezz tal-mediċini*** għandu jirrifletti bilanċ bejn l-investiment fir-riċerka, l-iżvilupp tal-industrija u s-sostenibbiltà tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali; ***jinsisti li l-aċċess universali għall-mediċini m'għandux jiddependi fuq il-prezz;***

Or. de

**Emenda 62
Notis Marias**

**Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 5**

Abbozz ta' opinjoni

5. ***Jirrakkomanda li l-aċċess ugwali għal kulħadd f'dak li għandu x'jaqsam mal-mediċini ma jkunx ikkundizzjonat minn kemm jiswew, li għandu jirrifletti bilanċ ġust bejn l-investiment*** fir-riċerka, l-iżvilupp tal-industrija u s-sostenibbiltà tas-

Emenda

5. ***Jappella għal aċċess ugwali għal kulħadd f'dak li għandu x'jaqsam mal-mediċini u finanzjament akbar tal-investiment*** fir-riċerka, l-iżvilupp tal-industrija u s-sostenibbiltà tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali;

sistemi ta' protezzjoni soċjali;

Or. el

Emenda 63

Laura Agea, Tiziana Beghin, Daniela Aiuto, Piernicola Pedicini

Abbozz ta' opinjoni Paragrafu 5

Abbozz ta' opinjoni

5. Jirrakkomanda li l-aċċess ugwali għal kulħadd f'dak li għandu x'jaqsam mal-mediċini ma jkunx ikkundizzjonat minn kemm jiswew, li għandu jirrifletti bilanċ ġust bejn l-investiment fir-riċerka, l-iżvilupp tal-industrija u s-sostenibbiltà tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali;

Emenda

5. Jirrakkomanda li l-aċċess ugwali għal kulħadd f'dak li għandu x'jaqsam mal-mediċini ma jkunx ikkundizzjonat minn kemm jiswew, li għandu jirrifletti bilanċ ġust bejn l-investiment fir-riċerka, l-iżvilupp tal-industrija u s-sostenibbiltà tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali; ***ihėġġėġ sabiex jinżamm bilanċ f'kull mument bejn ir-riċerka, l-iżvilupp u s-sostenibbiltà, bil-għan li jiġu miġġielda l-oligopoli farmaċewtiċi li jiffissaw il-prezz tal-mediċini, anki meta l-prezzijiet inkwistjoni ma jkunux sostenibbli għal ħafna sistemi tas-saħħa, bir-riżultat li jinħolqu oqsma kbar fejn in-nies jiġu mċaħħda mill-aċċess għall-mediċini;***

Or. it

Emenda 64

Lynn Boylan

Abbozz ta' opinjoni Paragrafu 5

Abbozz ta' opinjoni

5. Jirrakkomanda li l-aċċess ugwali għal kulħadd f'dak li għandu x'jaqsam mal-mediċini ma jkunx ikkundizzjonat minn kemm jiswew, li għandu jirrifletti bilanċ ġust bejn l-investiment fir-riċerka, l-iżvilupp tal-industrija u s-sostenibbiltà tas-

Emenda

5. Jirrakkomanda li l-aċċess ugwali għal kulħadd f'dak li għandu x'jaqsam mal-mediċini ma jkunx ikkundizzjonat minn kemm jiswew, li għandu jirrifletti bilanċ ġust bejn l-investiment fir-riċerka, l-iżvilupp tal-industrija u s-sostenibbiltà tas-

sistemi ta' protezzjoni soċjali;

sistemi ta' protezzjoni soċjali; *iqis id-drittijiet tal-privattivi bħala ostakolu għall-aċċess għall-mediċini, u jħeġġeġ lil dawk li jfasslu l-politika pubblika biex jieħdu passi definittivi biex jindirizzaw il-kwistjonijiet li jitqajmu mid-drittijiet tal-privattivi; jappella għal aktar trasparenza fil-prezzijiet tal-akkwist pubbliku għall-mediċini;*

Or. en

Emenda 65
Eleftherios Synadinos

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 5

Abbozz ta' opinjoni

5. Jirrakkomanda li l-aċċess ugwali għal kulħadd f'dak li għandu x'jaqsam mal-mediċini ma jkunx ikkundizzjonat minn kemm jiswew, li għandu jirrifletti bilanċ ġust bejn l-investment fir-riċerka, l-iżvilupp tal-industrija u s-sostenibbiltà tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali;

Emenda

5. Jirrakkomanda li l-aċċess ugwali għal kulħadd f'dak li għandu x'jaqsam mal-mediċini ma jkunx ikkundizzjonat minn kemm jiswew, li għandu jirrifletti bilanċ ġust bejn l-investment fir-riċerka, l-iżvilupp tal-industrija u s-sostenibbiltà tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali, *partikolarment fejn il-kopagamenti għall-mediċini huma lil hinn mill-mezzi ta' dawk assicurati;*

Or. el

Emenda 66
Sofia Ribeiro

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

5a. Jirrakkomanda li jitfassal mekkaniżmu għan-negożjar tal-prezz tal-mediċini sabiex tiġi żgurata uniformità akbar fil-livell tal-UE, speċjalment f'dawk

Emenda

Or. pt

Emenda 67
Csaba Sógor

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 6

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

6. Ifakkar li l-istabbiltà tas-sistemi soċjali, li jiffurmaw il-pedamenti tal-kooperazzjoni Ewropea u jvarjaw ħafna bejniethom, illum hija bbażata essenzjalment fuq l-impjiegi, u li l-qgħad iġegħelna nfittxu mezz i ġodda għall-finanzjament tal-protezzjoni soċjali;

imħassar

Or. en

Emenda 68
Sofia Ribeiro

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 6

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

6. Ifakkar li l-istabbiltà tas-sistemi soċjali, li jiffurmaw il-pedamenti tal-kooperazzjoni Ewropea u jvarjaw ħafna bejniethom, illum hija bbażata essenzjalment fuq l-impjiegi, u li l-qgħad iġegħelna nfittxu mezz i ġodda għall-finanzjament tal-protezzjoni soċjali;

imħassar

Or. pt

Emenda 69
Helga Stevens

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 6

Abbozz ta' opinjoni

6. *Ifakkar li l-istabbiltà tas-sistemi soċjali, li jiffurmaw il-pedamenti tal-kooperazzjoni Ewropea u jvarjaw ħafna bejniethom, illum hija bbażata essenzjalment fuq l-impjiegi, u li l-qgħad iġegħelna nfittxu mezz i ġodda għall-finanzjament tal-protezzjoni soċjali;*

Emenda

6. *Huwa tal-fehma li s-sistemi soċjali m'għandhomx jiddependu biss fuq li l-persuni jkollhom impjeg, iżda, pjuttost, li dawn għandhom jiġu ffinanzjati minn sorsi oħra ta' dħul;*

Or. nl

Emenda 70
Becker

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 6

Abbozz ta' opinjoni

6. *Ifakkar li l-istabbiltà tas-sistemi soċjali, li jiffurmaw il-pedamenti tal-kooperazzjoni Ewropea u jvarjaw ħafna bejniethom, illum hija bbażata essenzjalment fuq l-impjiegi, u li l-qgħad iġegħelna nfittxu mezz i ġodda għall-finanzjament tal-protezzjoni soċjali;*

Emenda

6. *Ifakkar li l-istabbiltà tas-sistemi soċjali, li jiffurmaw il-pedamenti tal-kooperazzjoni Ewropea, illum hija bbażata primarjament fuq l-impjiegi, u għalhekk jitlob għal modi u mezz i ġodda biex jinstabu sabiex ikunu jistgħu jkomplu jiffinanzjaw is-sistemi tas-sigurtà soċjali fl-Ewropa;*

Or. de

Emenda 71
Notis Marias

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 6

Abbozz ta' opinjoni

6. Ifakkar li l-istabbiltà tas-sistemi soċjali, *li jiffurmaw il-pedamenti tal-kooperazzjoni Ewropea u jvarjaw ħafna bejniethom, illum hija bbażata essenzjalment fuq l-impjiegi, u li l-qgħad iġegħelna nfittxu mezzi ġodda għall-finanzjament tal-protezzjoni soċjali;*

Emenda

6. Ifakkar li l-istabbiltà tas-sistemi soċjali, *il-livelli għoljin ħafna ta' qgħad fl-Istati Membri tan-Nofsinhar tal-Ewropa, bħall-Greċja, il-Portugall, l-Italja u Spanja, jirriflettu l-inugwaljanzi soċjali li jeżistu fi ħdan l-Unjoni;*

Or. el

Emenda 72
Lynn Boylan

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 6

Abbozz ta' opinjoni

6. Ifakkar li l-istabbiltà tas-sistemi soċjali, li jiffurmaw il-pedamenti tal-kooperazzjoni Ewropea u jvarjaw ħafna bejniethom, illum hija bbażata essenzjalment fuq l-impjiegi, u li l-qgħad iġegħelna nfittxu mezzi ġodda għall-finanzjament tal-protezzjoni soċjali;

Emenda

6. Ifakkar li l-istabbiltà tas-sistemi soċjali, li jiffurmaw il-pedamenti tal-kooperazzjoni Ewropea u jvarjaw ħafna bejniethom, illum hija bbażata essenzjalment fuq l-impjiegi, u li l-qgħad iġegħelna nfittxu mezzi ġodda għall-finanzjament tal-protezzjoni soċjali; *jikkundanna t-trasformazzjoni tas-saħħa bħala dritt inerenti għall-persuni kollha, f'kommodità bbażata fuq is-suq li hija soġġetta għal kosti u profitti kbar li joħlqu firda soċjali billi tippromwovi trattament differenti bbażat fuq il-kapaċità li pazjent iħallas;*

Or. en

Emenda 73
Helga Stevens

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 7

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

7. Ifakkar li parti mit-telf tal-kompetittività tal-intrapriżi u, għaldaqstant, tal-finanzjament soċjali, hija dovuta għal regolamentazzjoni Ewropea restrittiva wisq, inkluż fl-iffissar tal-prezzijiet tal-mediċini.

imħassar

Or. nl

**Emenda 74
Notis Marias**

**Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 7**

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

7. Ifakkar li parti mit-telf tal-kompetittività tal-intrapriżi u, għaldaqstant, tal-finanzjament soċjali, hija dovuta għal regolamentazzjoni Ewropea restrittiva wisq, inkluż fl-iffissar tal-prezzijiet tal-mediċini.

imħassar

Or. el

**Emenda 75
Sofia Ribeiro**

**Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 7**

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

7. Ifakkar li parti mit-telf tal-kompetittività tal-intrapriżi u, għaldaqstant, tal-finanzjament soċjali, hija dovuta għal regolamentazzjoni Ewropea restrittiva wisq, inkluż fl-iffissar tal-prezzijiet tal-mediċini.

imħassar

Or. pt

Emenda 76
Heinz K. Becker

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 7

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

7. Ifakkar li parti mit-telf tal-kompetittività tal-intrapriżi u, għaldaqstant, tal-finanzjament soċjali, hija dovuta għal regolamentazzjoni Ewropea restrittiva wisq, inkluż fl-iffissar tal-prezzijiet tal-mediċini.

imħassar

Or. de

Emenda 77
Yana Toom, Ilhan Kyuchyuk

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 7

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

7. Ifakkar li parti mit-telf tal-kompetittività tal-intrapriżi u, għaldaqstant, tal-finanzjament soċjali, hija dovuta għal regolamentazzjoni Ewropea restrittiva wisq, inkluż fl-iffissar tal-prezzijiet tal-mediċini.

imħassar

Or. en

Emenda 78
Marian Harkin

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 7

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

7. Ifakkar li parti mit-telf tal-kompetittività tal-intrapriżi u, għaldaqstant, tal-finanzjament soċjali, hija dovuta għal regolamentazzjoni

imħassar

Ewropea restrittiva wisq, inkluż fl-iffissar tal-prezzijiet tal-mediċini.

Or. en

Emenda 79
Lynn Boylan

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 7

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

7. Ifakkar li parti mit-telf tal-kompetittività tal-intrapriżi u, għaldaqstant, tal-finanzjament soċjali, hija dovuta għal regolamentazzjoni Ewropea restrittiva wisq, inkluż fl-iffissar tal-prezzijiet tal-mediċini.

imħassar

Or. en

Emenda 80
Csaba Sógor

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 7

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

7. Ifakkar li parti mit-telf tal-kompetittività tal-intrapriżi u, għaldaqstant, tal-finanzjament soċjali, hija dovuta għal regolamentazzjoni Ewropea restrittiva wisq, inkluż fl-iffissar tal-prezzijiet tal-mediċini.

7. Jenfasizza l-ħtieġa ta' regolamentazzjoni tas-suq tal-mediċini tal-UE biex tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tas-sikurezza u tas-saħħa tal-konsumaturi, biex tiżgura d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u, fl-istess ħin, kompetizzjoni b'saħħitha permezz tal-użu ta' mediċini ġeneriċi.

Or. en

Emenda 81
Eleftherios Synadinos

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 7

Abbozz ta' opinjoni

7. Ifakkar li parti mit-telf tal-kompetittività tal-intrapriżi u, għaldaqstant, tal-finanzjament soċjali, hija dovuta għal regolamentazzjoni Ewropea restrittiva wisq, inkluż fl-iffissar tal-prezzijiet tal-mediċini.

Emenda

7. Ifakkar li parti mit-telf tal-kompetittività tal-intrapriżi u, għaldaqstant, tal-finanzjament soċjali, hija dovuta għal regolamentazzjoni Ewropea restrittiva wisq, inkluż fl-iffissar tal-prezzijiet tal-mediċini, ***u minbarra dan, l-awsterità u politiki ta' aġġustament ekonomiku qed jikkawżaw żieda fil-qgħad u qed iwasslu għal tnaqqis fil-benefiċċji soċjali.***

Or. el

Emenda 82

Laura Agea, Tiziana Beghin, Daniela Aiuto, Piernicola Pedicini

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 7

Abbozz ta' opinjoni

7. Ifakkar li parti mit-telf tal-kompetittività tal-intrapriżi u, għaldaqstant, tal-finanzjament soċjali, hija dovuta għal regolamentazzjoni Ewropea restrittiva wisq, inkluż fl-iffissar tal-prezzijiet tal-mediċini.

Emenda

7. Ifakkar li parti mit-telf tal-kompetittività tal-intrapriżi u, għaldaqstant, tal-finanzjament soċjali, hija dovuta għal regolamentazzjoni Ewropea restrittiva wisq, inkluż fl-iffissar tal-prezzijiet tal-mediċini; ***jirrimarka li l-prezz ta' ħafna mediċini mhuwiex proporzjonat mal-ispiża biex dawn jiġu mmanifatturati; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li l-pożizzjoni kompetittiva tad-ditti m'għandu jkollha l-ebda effett fuq il-prezz finali tal-mediċini;***

Or. it

Emenda 83

Laura Agea, Tiziana Beghin, Daniela Aiuto, Piernicola Pedicini

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

7a. *Jirrimarka li hija l-industrija farmaċewtika li qed tinsisti fuq l-infurzar tar-regoli dwar il-privattivi u b'hekk qed tipprevjeni l-użu tal-mediċini ġeneriċi, li huma irħas u, għaldaqstant, jistgħu jkunu disponibbli b'mod aktar wiesa'; jappella għal kampanji ta' informazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni biex jinkoraġġixxu l-użu tal-mediċini ġeneriċi;*

Or. it

Emenda 84
Marian Harkin

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

7a. *Jistieden lill-Kummissjoni ssib soluzjonijiet sabiex il-mediċini li ma jħallux qligħ iżda li xorta jkunu meħtieġa mil-lat mediku jiddaħħlu fil-produzzjoni;*

Or. en

Emenda 85
Marian Harkin

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 7b (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

7b. *Jistieden lill-Kummissjoni żżid ir-riċerka dwar mard li ġie ttraskurat;*

Or. en